MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Numru. 1293/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jessica Grima**
**vs**
**Fay Camenzuli**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Fay Camenzuli bint Anthony u Carmen nee’ Spiteri imwielda fit-3 ta’ Dicembru 1986 u residenti 332, Triq in-Nixxiegha, Mellieha u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 557586(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Fis-26 ta’ Gunju 2010, ghall-habta tal-11:00hrs gewwa Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha:

(1) Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni SWT333, u b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-art jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament tajret w ikkagunat offizi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Jamie

Bartolo skond kif iccertifika Dr. Alan Drago M.D. Reg. 2647 mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Qorti li hija tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghall-perjodu ta’ zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 14 ta’ Marzu, 2012 (esebita a fol. 186 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b. fl-artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta’ Novembru, 2012, l-imputata ddikarat li hija m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident awtomobilistiku li sehh fis-26 ta’ Gunju 2010 ghall-habta tal-11.00am fi Triq Ghajn Zejtuna, il-Mellieha bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni SWT 333 misjuqa mill-imputata Fay Camenzuli u r-rota misjuqa minn Jamie Bartolo, tifel ta’ tlettax-il sena fejn dan tal-ahhar sofra griehi ta’ natura gravi per durata f’siequ l-leminija fil-parti t’isfel tal-istess sieq[1].

[1] Vide xhieda ta’ Dr. Alan Drago a fol. 55 sa 58 tal-atti processwali u c-certifikat mediku minnu rilaxxjat a fol. 8 kif ukoll ix-xhieda ta’ Mr. Charles Griscti a fol. 80 et sequitur.

Jamie Bartolo xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-7 ta' Lulju 2011 fejn spjega li dakinhar tal-incident kien qed isuq ir-rota tieghu tat-tip freestyle f'Santa Maria Estate u nizel nizla u jghid li kien qed izomm man-naha tax-xellug tat-triq u spjega li ried jaqsam it-triq u ghalhekk meta wasal fil-kantuniera l-ewwel hares lejn il-lemin u mbaghad hares lejn ix-xellug u meta ra li ma kienux gejjin vetturi la min-naha tal-lemin u l-anqas min-naha tax-xellug iddecieda li jaqsam u waqt li kien qed jaqsam giet vettura min-naha tal-lemin tieghu liema vettura kienet Toyota hamra u din tajritu. Jamie Bartolo spjega li l-vettura kienet misjuqa mill-imputata Fay Camenzuli u din laqtitu fuq in-naha ta' wara tar-rota u bid-daqqa r-rota taret u huwa spicca mal-art u nduna li kellu griehi f'saqajh. Huwa jghid ukoll li l-imputata cemplet lil missieru, lill-ambulanza u lil Pulizija.  Jamie Bartolo qal ukoll li qabel ma tela' fl-ambulanza li haditu l-isptar qal lill-imputata li ma kienx it-tort taghha u sostna li ghamel hekk sabiex din ma tibzax. Jamie Bartolo spjega wkoll li huwa dam madwar tlett xhur rikoverat l-isptar u qal li sarulu zewg interventi kirurgici. Huwa spjega wkoll li kien ghadu qed imur ghal sessjonijiet ta' physiotherapy.  In kontro-ezami x-xhud spjega li kien niezel ghan-nizla u kien sejjer hdejn missieru l-Ghadira u jghid li meta wasal fit-tarf tat-triq ried imur lejn il-lemin. Huwa qal li kellu vizwali ta' madwar tul ta' seba' vetturi mid-direzzjoni li minnha kienet gejja Fay Camenzuli u sostna li kien qed isuq bil-mod.  Jamie Bartolo qal li huwa waqaf qabel ma hareg u li l-imputata laqtitu bil-ponta ta' quddiem tan-naha ta-driver tal-vettura.  Ix-xhud sostna wkoll li r-rota tieghu iccaqalqet qabel ma gew il-Pulizija fuq il-post u mmarka permezz tal-ittra 'x' fuq l-iskizz li jinsab esebit a fol. 7 tal-process il-post fejn skond hu spiccat ir-rota immedjatament wara l-impatt. Huwa inoltre immarka bl-ittra 'j' il-post fejn skond hu spicca wara l-impatt.  Meta gie mistoqsi jispjega kif huwa spicca wara l-karozza u r-rota spiccat quddiem il-karozza jghid li dan kien dovut ghall-fatt li l-imputata baqghet ghaddejja malli laqtitu. Jamie Bartolo jsostni wkoll li kien hemm brake marks fit-triq u jikkonferma li huwa hareg minn fuq l-Istop Sign. Huwa inoltre mmarka bl-ittra 'o' il-post fejn skond hu sehh l-impatt.   Meta gie mistoqsi kif a tempo vergine kien qal lil

Pulizija li kien ghafas il-brejk u skiddjalu t-tyre izda meta xehed quddiem il-Qorti ma semma xejn dwar dan il-fatt Jamie Bartolo rrisponda li l-Pulizija kien staqsih biss x'ismu u kunjomu u xejn aktar.

Ili f'dawn il-proceduri xehdet WPS 254 is-Surgent li nvestigat il-kaz u l-persuna li hejjiet l-iskizz inserit a fol. 7 tal-atti processwali. Hija spjegat li Jamie Bartolo kien niezel ghan-nizla minn side road li taghti ghal fuq Triq Ghajn Zejtuna filwaqt li l-imputata kienet tiela' ghat-tela' mill-main road (triq Ghajn Zejtuna). Hija qalet ukoll li meta kellmet lit-tifel fuq il-post tal-incident dan qalilha li kien ghafas il-brejk u skiddjalu t-tyre filwaqt li l-imputata Fay Camenzuli kienet qaltilha li kienet tiela' t-telgha meta f'daqqa wahda rat lit-tifel itir quddiemha u semghat 'bumm'. WPS 254 qalet ukoll li omm l-imputata Carmela Camenzuli li kienet passiggiera mat-tifla qaltilha li huma kienu ghaddejjin bil-moghod meta f'daqqa wahda raw lit-tifel li habat mal-karozza taghhom.  Din ix-xhud spjegat ukoll li mid-direzzjoni li kienet gejja l-imputata hemm liwja fit-tul. Ix-xhud qalet ukoll li r-rota tat-tifel kellha c-cinga maqtugha u x'aktarx huwa wegga saqajh ghaliex siequ dahlet taht ir-rota. PC 210 Salvatore Lagrasta li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta Frar 2012 qal li meta kellem lil Jamie Bartolo fuq il-post tal-incident dan qallu li ma kienux zammewlu l-brakes tar-rota u ghalhekk baqa' hiereg ghal fuq il-main road u laqat il-vettura misjuqa mill-imputata. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li Bartolo kien hiereg minn triq sekondarja u ried jaqsam Triq Ghajn Zejtuna li hija l-main road.

L-imputata Fay Camenzuli ghazlet li tixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru 2012 fejn hija kkonfermat li dakinhar tal-incident kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni SWT 333 fi Triq Ghajn Zejtuna il-Mellieha, liema triq hija main road u kienet tiela' ghat-tela' u li maghha kellha lil ommha Carmen Camenzuli bhala front seat passenger. Hija tghid li t-tifel kien niezel minn nizla u kellu Stop Sign fit-tarf tat-triq u tghid ukoll li taqbel mal-ispot of impact indikat fl-iskizz.  Hija tghid ukoll li kienet gejja minn dik il-parti tat-triq fejn hemm kurvatura u ssostni li kienet qed issuq bil-

mod u fejn l-velocita' taghha kienet madwar 30 kilometru fis-siegha u zgur ma kinitx teccedi l-35 kilometru fis-siegha. L-imputata spjegat li malli daret id-dawra f'daqqa wahda rat xi haga sewda ttir u din laqtet il-vettura taghha fuq il-gemb lejn quddiem man-naha tas-sewwieq. Hija tghid li waqfet mal-ewwel u harget mill-vettura taghha u rat lit-tifel mal-art ferut u hija staqsietu fejn huma ommu u missieru u dan qalilha li kien wahdu sejjer hdejn missieru l-Ghadira u ta n-numru tat-telephone sabiex iccempel lil missieru. L-imputata tghid li t-tifel qalilha sabiex tiskuzah ghaliex kienu nqatawlu l-brakes u ghalhekk baqa' hiereg. Hija qalet li t-tifel qalilha dan il-kliem quddiem ommha u rega' rrepetih meta marret tarah l-isptar quddiem il-boyfriend taghha.  Carmen Camenzuli, omm l-imputata li xehdet waqt l-udjenza tad-29 ta' Novembru 2012 u Jeanbert Gatt, il-boyfriend tal-imputata li xehed waqt l-udjenza tas-17 ta' Jannar 2012 it-tnejn ikkonfermaw il-verzjoni moghtija mill-imputata dwar dak li kien qal Jamie Bartolo dwar il-fatt li kienu marrulu l-brakes tar-rota.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza f'dan il-kaz din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-kawza prossima tal-incident awtomobilistiku de quo kien il-fatt li Jamie Bartolo baqa' hiereg minn fuq l-Istop Sign u minn triq laterali ghal fuq triq principali u baqa' diehel fil-vettura misjuqa mill-imputata li kienet qed issuq fuq il-main road. Il-Qorti jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputata dwar id-dinamika tal-incident tirrifletti dak li effettivament gara dakinhar tal-istess incident. Dan jinghad mhux biss ghaliex l-imputata kienet dejjem konsistenti fil-verzjoni tal-fatti minnha moghtija, u cioe' kemm a tempo vergine meta tkellmet mal-Pulizija fejn indikat li t-tifel kien tar ghal fuq il-vettura taghha kif ukoll meta xehdet f'dawn il-proceduri fejn tat l-istess verzjoni, izda anki ghaliex il-provi cirkostanzjali f'dan il-kaz ilkoll jindikaw li d-dinamika tal-incident kienet dik indikata mid-Difiza. Irid qabel xejn jinghad li a tempo vergine it-tifel qal mhux biss lill-imputata li kienu nqatawlu l-brejkijiet tar-rota izda kien indika dan il-fatt lil PC210 Salvatore Lagrasta u lil WPS 254 Janice

Giordmaina wkoll. Huwa minnu li meta xehed f'dawn il-proceduri t-tifel ma qal xejn dwar dan il-fatt izda din l-Qorti tinsab konvinta li l-verzjoni moghtija minnu a tempo vergine tirrifletti l-verita' u jidrilha li meta xehed f'dawn il-proceduri fejn prova jghid li huwa kien skuza ruhu mal-imputata u qalilha li kien it-tort tieghu, huwa ghamel dan ghaliex fil-frattemp tkellem ma terzi li ndikawlu li ma kienx fl-interess tieghu li jghid li nqatawlu l-brejkijiet jew li skiddjalu t-tyre. Il-Qorti ssibha difficli temmen kif tifel ta tlettax-il sena ferut u migugh tigih f'mohhu li jivvinta li kien it-tort tieghu sabiex jikkalma lill-imputata u jidrilha li huwa fil-fatt qal dan il-kliem ghaliex dak li kien qed jghid kien minnu. Il-Qorti jidrilha li l-posizzjoni tar-rota fl-iskizz ukoll tikkorrobora l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Fay Camenzuli ghaliex li kieku verament kienet il-vettura li laqtet ir-rota ir-regoli tal-fizika jiddettaw li bil-momentum ir-rota kienet tittajjar quddiem il-vettura u mhux tispicca warajha mentri jekk kienet ir-rota li laqtet il-vettura kif qed issostni li sar l-imputata bil-momentum ir-rota u t-tifel jispiccaw wara l-vettura, kif fil-fatt huwa ndikat fl-iskizz li spiccaw. Huwa minnu li Jamie Bartolo prova jghid li r-rota kienet spiccat quddiem il-vettura u li kien hemm xi hadd li caqlaq ir-rota ghal posizzjoni li tidher fl-iskizz qabel ma gew il-Pulizija izda l-Qorti setghat tinnota li t-tifel qal ukoll li huwa spicca wara l-vettura, haga li hija ghal kollox inspjegabbli u tindika li dak li qed jghid it-tifel m'huiwiex minnu.

Apparti dan kollu li ghadu kemm inghad fil-paragrafu precedenti l-Qorti tixtieq tipreciza li anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jaccetta li kienet il-vettura li laqtet ir-rota misjuqa mit-tifel xorta wahda ir-responsabilita' ghall-incident kienet tkun atribwibbli lit-tifel ghaliex huwa kien side road user hiereg minn fuq Stop Sign u ghalhekk kellu l-obbligu li jieqaf u johrog biss meta l-main road tkun clear. Ir-regoli tat-traffiku japplikaw ghall-utenti kollha tat-triq mhux biss ghas-sewwieqa tal-vetturi u ghalhekk is-sewwieq tar-rota ukoll kien obbligat li jieqaf fuq l-Istop Sign u li jzomm a proper lookout ghall-vetturi ghaddejjin minn fuq il-main road liema vetturi kellhom id-dritta fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti ma setghat tirriskontra ebda traskuragni, negligenza, sewqan perikoluz jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputata li setghu ikkontribwew ghall-incident. Il-Prosekuzzjoni accennat li l-imputata kienet qed issuq b’velocita’ eccessiva. Il-Qorti jidrilha li velocita’ ta’ 30 kilometru fis-siegha zgur li ma tistghax titqies bhala velocita’ eccessiva ghall-lokalita’ in dizamina.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------